MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 440/2008

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi hija zzewget lill-intimat f'Malta fis-sbatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (17/05/1992), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (Dokument A) ;
2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat dsatax

ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (19/06/2003) (Dokument B);
3. Illi minn dana z-zwieg twieldu tlett itfal li lkoll ghadhom minuri;
4. Illi r-rikorrenti tixtieq illi tvarja l-kuntratt li jirregola s-separazzjoni personali bejn il-partijiet partikolarment ir-raba` il-hames u s-seba' artikolu tal-imsemmi kuntratt.
5. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proceduri permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat wiehed u tletin t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (31/10/2008) u numerat elf tmien mija disgha u erbghin zbarra elfejn u tmienja (1849/2008), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument C;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali u cioe` Block 7, Flat 6, Marina Apartments, Gwardamangia Hill, Pieta` flimkien ma' uliedha ad eskluzjoni tal-intimat;
2. Tordna il-granet u l-hinijiet specifici illi fihom l-intimat ghandu jkollu access ghal uliedu;
3. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq ghaliha u ghat-tliet uliedha minuri u tordna lill-intimat sabiex ihallas l-istess manteniment;
4. Tillikwida somma rapprezentanti hlas ta' arretrati ta' manteniment ghall-minuri, u tordna lill-intimat ihallas din is-somma kif likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' C B, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, il-kawza kif intavolata hija insostenibbli stante li r-rikorrenti ma talbitx dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-istat ta' l-intimat huwa attwalment differenti

minn dak fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 19 ta' Gunju 2003;

2. Illi fil-mertu l-istat attwali tal-intimat ghadu dak li kien meta giet ffirmat l-isemmi kuntratt, ossia dak ta' dizokkupat, u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

3. Illi fid-data li gie ffirmat dan l-imsemmi kuntratt, l-esponenti u r-rikorrenti kellhom tliet itfal, ossia X, N u Nigel, izda l-kuntratt ta' separazzjoni jirrregola biss lil X u N ahwa B;

4. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba tar-rikorrenti, din il-klawsola kienet saret minhabba li *"ir-ragel m'ghandux fejn imur joqghod"*[1] Din it-talba hija kompletament superfluwa stante illi l-esponenti ilu nieqes mill-fond Flat 6, Block 7, Marina Apartments, Gwardamangia Hill, Pieta` mill-inqas hames snin u ma ghandu l-ebda interess li jirritorna lura.

5. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-esponenti ilu ma jara lit-tfal tieghu ghal zmien twil u fil-fatt it-tfal tal-partijiet ghandhom iz-zmien taghhom u l-esponenti ma jistax igieghel u jisforza t-tfal tieghu sabiex jiltaqghu mieghu;

6. Illi fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba rikorrenti, huwa risaput illi *pacta sunt servanda* b'mod illi ma huwiex apert li r-rikorrenti tipprova tirrevedi stipulazzjonijiet kontrattwali minnha assunti u liberament accettati, hlief f'kaz illi tali varjazzjoni huwa kontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti ma jikkontemplax id-dritt ta' manteniment ghall-mara, manteniment ghal tlett itfal u lanqas hlas ta' arretrati ta' manteniment, kemm ghar-rikorrenti u ghal tlett itfal minuri;

7. Illi ghalhekk it-tieni, it-tielet u r-raba' talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thallied ghas-sentenza ghallum ;

---

[1] Klawsola numru 4, kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat 19 ta' Gunju 2003

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza li permezz taghha r-rikorrenti qed titlob li jigi varjat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet b’dan li ghandha tkun hi li tghix fid-dar gia matrimonjali, l-intimat jinghata dritt ta’ access ghall-ulied u jigi stabbilit manteniment kemm ghall-istess rikorrenti kif ukoll ghall-ulied il-partijiet b’talba specifika ghall-hlas tal-arretrati tal-istess manteniment.

**Il-verzjoni tar-rikorrenti**

Permezz tal-affidavit taghha[2], r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat izzewgu fis-17 ta’ Mejju 1992 u sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt pubbliku datat id-19 ta’ Gunju 2003. L-attrici tghid li hemm numru ta’ affarijiet li thallew barra mill-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom. L-ewwel punt li ssemmi huwa relatat mal-minuri Nigel li twieled nhar l-20 ta’ Awwissu 2002[3] li ghal xi raguni ma jessimmix. Missier il-minuri huwa l-intimat. L-ulied l-ohra u cioe’ X twieled nhar l-14 ta’ Lulju 1994[4] filwaqt li N twieldet nhar it-3 ta’ Lulju 1995[5].

Ir-rikorrenti tghid li wara li gie ffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni, l-intimat kien ivvaka mid-dar gia matrimonjali u qatt ma mar lura. Kien fil-fatt jghix mal-mara li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg taghhom u li maghha, l-istess intimat ghandu tifel bl-isem ta’ Leon. Tghid li tkun hi li b’mod esklussiv thallas il-kontijiet relattivi u l-kera dovuta ghall-istess dar matrimonjali. Huwa f’dan l-isfond li tixtieq li jkun hemm dikjarazzjoni da parti ta’ din il-qorti dwar min ghandu jghix fid-dar matrimonjali.

Dwar l-access ghall-ulied, ir-rikorrenti tghid li wara li l-intimat telaq mid-dar, kien imur jara lill-istess ulied darba fil-Gimgha, nhar ta’ Hadd. Tali access baqa’ jinzamm sa’ Novembru 2007 u ghall-precizjoni tghid li dejjem ha lit-tliet

---

[2] Esebit a fol 35 tal-process
[3] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 108 tal-process
[4] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 109 tal-process
[5] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 110 tal-process

ulied ghaliex qatt ma kien hemm xi kwistjoni relatata mal-paternita' tal-izghar wild. L-inkwiet dwar l-access qam ghall-habta ta' Novembru 2007 meta l-ulied il-kbar kienu jmorru ghaz-zfin tal-Karnival gewwa l-belt Valletta. Talbet lill-intimat (li kien joqghod il-belt Valletta stess) sabiex wara li jispicca z-zfin, iwassalhom ghand ir-rikorrenti peress li l-minuri z-zghir kien ibati bil-*croup*. Dan il-ftehim kien miexi tajjeb sakemm darba fost l-ohrajn kien hemm is-siehba tal-intimat prezenti meta l-intimat mar jigbor lill-ulied miz-zfin u l-istess ulied ma riedux jirkbu fil-karozza maghha. Tghid li l-ulied jafu li din il-mara kienet ir-raguni ghaliex missierhom telaq mid-dar u ghalhekk ma jmorrux tajjeb maghha. Peress li baqghu jirrifjutaw jirkbu fil-karozza, din il-mara qalet lill-intimat sabiex isuq u jhallihom hemm b'dan li l-istess mara bdiet tghajjarhom u tkellimhom hazin u tghid kliem mhux xieraq anke fil-konfront tal-istess rikorrenti. Kif kien sar il-hin, ir-rikorrenti inkwetat ghal uliedha u cemplet fuq ic-cellulari tal-wild X fejn dan tal-ahhar spjegalha dak li kien ghadu kif gara. Kienet ir-rikorrenti li pperswadiet lil uliedha jirkbu fil-karozza u sussegwentement intavolat rapport mal-Pulizija minhabba l-kliem hazin li kellmithom bih din il-mara bl-isem ta' Hourrie. Wara dan l-episodju, inqata' l-access kompletament ghaliex l-intimat kien stqarr maghha li din il-mara riedet tkun prezenti ghall-hrug ta' nhar ta' Hadd waqt l-access kif ukoll meta jwassalhom lura d-dar wara z-zfin, izda kien ra wkoll b'liema resistenza kienu rreagixxew l-ulied u ghalhekk ghazel li jaghmel dak li tghidlu din il-mara.

Wara l-incident ta' Novembru 2007 qatt ma rega' kien hemm access favur l-intimat u l-attrici tghid li bejniethom m'hemm ebda kuntatt dirett, tant li meta tkun trid tghaddilu messagg, iccempel lil ommu. Thoss li hemm bzonn li jerga' jibda jigi ezercitat l-access izda dan ghandu jkun b'ordni tal-qorti b'mod fiss u mhux bi ftehim bejniethom.

Dwar il-manteniment ghall-ulied, ir-rikorrenti tghid li saz-zmien li kien jghix fl-istess dar, l-istess intimat ma kienx jahdem. Kien jircievi l-beneficcju tal-qaghad izda minn dawn il-flus, qatt ma kien jghaddilha xejn. Tghid li biddel xi xogholijiet (wara li jkun gie skopert li qed jahdem) u li qed

ikun dejjem wara l-bar f'bar partikolari gewwa l-Hamrun. Minkejja li qed jahdem, jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-ulied. Ir-rikorrenti tghid li hija tircievi l-assistenza socjali bhala mara separata. Ma tistax tohrog tahdem peress li l-minuri z-zghir ghandu disabilita' u ghalhekk ikollha diversi qadjiet bih fosthom l-*speech therapy*, appuntamenti frekwenti l-isptar u *physiotherapy*.

Dwar il-manteniment taghha, tghid li l-kuntratt huwa sieket fuq din il-kwistjoni b'dan li l-intimat ma jhallas ebda manteniment. Taghlaq billi tghid li ma kellha ebda tort ghat-tkissir taz-zwieg *stante* li dan tkisser minhabba r-relazzjoni tal-intimat ma' din l-imsemmija Hourrie.

**Il-verzjoni tal-intimat**

L-intimat in subizzjoni[6] jikkonferma li flimkien mar-rikorrenti ghandu tlett ulied li jghixu maghha. Jghid li ma jarahomx imma gieli rahom b'dan illi meta kien jarahom, kien jaghti xi haga tal-flus lir-rikorrenti, skond kemm kien ikollu. Jghid li kien itihom aktar minn €100 kull darba li jarahom pero' jikkonferma li tmien xhur qabel id-deposizzjoni tieghu, kien tahom €100. Jerga' jikkonferma li ma jahdimx u li b'kollox ghandu hamest ulied – tlett ulied mar-rikorrenti u zewgt ulied ohra minn Houria Adly. Il-minuri Leon jghix mal-intimat filwaqt li l-minuri Chezlinn tghix ma' ommha.

**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

Il-qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat is-19 ta' Gunju 2003[7]. Mill-ewwel jigi nnotat li l-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni ma jsemmix punti principali li llum il-gurnata dejjem jigu inkluzi f'kuntratt ta' separazzjoni. Wiehed minn dawn il-punti huwa proprju l-manteniment tal-mara. M'hemm ebda dikjarazzjoni ta' dekadenza jew ta' rinunzja da parti tal-ebda wiehed mill-partijiet kif m'hemm ebda obbligazzjoni da parti tal-intimat sabiex ihallas xi forma ta' manteniment

[6] Ara a fol 203 tal-process
[7] Esebit a fol 5 tal-process

ghall-istess martu. Li hemm hu obbligu da parti tal-intimat li f'kaz li jibda jahdem, jibda jhallas manteniment ghaz-zewgt ulied. Il-partijiet kienu qablu wkoll li f'kaz ta' nuqqas ta' qbil, kellu jsir rikors quddiem il-qorti kompetenti (ara klawsola numru 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni[8]). Min-naha taghha ghalhekk ir-rikorrenti tikkontendi li ghandu jigi stabbilit manteniment ghaliha filwaqt li min-naha tieghu, l-intimat jargumenta li gialadarba l-manteniment ghar-rikorrenti ma giex kontemplat allura ghandu japplika l-principju ta' *pacta sunt servanda* b'dan li ma jsir ebda bdil fil-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom.

F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali *pacta sunt servanda* u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

"(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***.

(2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi***".

*Ai termini* tal-istess Artikolu, imbagħad issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li "***Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda***";

- **Onor. Edgar Cuschieri nominee vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li "***gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li***

[8] Ara a fol 6 tal-process

***wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti***";

- **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) u

- **Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar)

Fejn gie ritenut li "***l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda***";

- **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward C Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell), b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq gie ritenut li "***strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi***".

Illi l-qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz odjern u kif tali intenzjonijiet ghandhom jigu rispettati u dan ghaliex il-

klawsola numru 7 tal-kuntratt hija cara u ma thalli ebda ombra ta' dubju dwar kif ghandha tigi interpretata kif wara kollox diga' gie spjegat aktar 'il fuq.

Gialadarba ma hemm ebda dikjarazzjoni relatata mal-possibilita' ta' manteniment da parti tar-rikorrenti u gialadarba din il-qorti hija prekluza milli tidhol fil-kwistjoni ta' tort li wasslet ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet

(*stante* li huma diga' legalment separati), il-qorti hija tal-fehma li n-nuqqas fil-kuntratt ta' separazzjoni jammonta ghal rinunzja tacita *stante* li l-istess rikorrenti setghet facilment (dejjem jekk dan ma sarx) tiehu parir legali fuq id-drittijiet spettanti lilha fuq il-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk qed jigi applikat il-principju ta' *pacta sunt servanda* ghall-kwistjoni ta' manteniment ghall-istess rikorrenti.

Ma jistax jinghad l-istess pero' fuq id-dritt ta' manteniment ghall-ulied *stante* li dan huwa dritt fondamentali tal-istess ulied u mhux tal-partijiet u m'ghandu ebda ness mal-fatt li l-intimat huwa dizokkupat. Il-fatt li t-tielet wild u cioe' Nigel ma giex imsemmi u kkontemplat fil-kuntratt ta' separazzjoni, ma jfissirx li l-istess wild m'ghandux dritt li jinghata l-manteniment dovut u xieraq ghalih. Dan ghaliex apparti li d-dritt ta' manteniment huwa wiehed fondamentali, l-istess wild m'ghandux ibati ghall-izball li ghamlu l-partijiet meta ghal xi raguni ma nkludewhx fil-kuntratt ta' separazzjoni, *stante* li naturalment l-istess wild ma kienx partecipi fl-istess kuntratt u kien jinkombi fuq il-partijiet li jirregolaw b'mod ahjar il-kwistjoni ta' manteniment.

Tenut kont ta' dan, il-Qorti ser tghaddi sabiex tillikwida l-ammont ta' manteniment li hu dovut mill-intimat ghall-ulied.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat ghandu impjieg u kellu diversi impjiegi tul is-snin li ilhom mifrudin u ma jghixux taht l-istess saqaf. Tressaq xhieda, fosthom lil Chantelle Bellante[9] li jikkonfermaw li l-intimat kellu xi impjieg wara s-separazzjoni taghhom.

Il-fatt li l-intimat huwa dizokkupat ma jfissirx li ghandu mod ta' kif jevita li jhallas manteniment gust ghall-istess ulied.

Punt iehor li huwa nieqes fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa l-access tal-intimat favur l-ulied. Ir-rikorrenti tghid li l-access ilu li waqaf minn Novembru 2007 filwaqt li

---

[9] Ara x-xhieda taghha esebita a fol 41 tal-process

Chantelle Bellante[10] tghid li l-intimat mhux prezenti fil-hajja ta' wliedu, hlief ghal xi telefonata fil-*birthday* taghhom. Ix-xhud izzid tghid ukoll li l-ulied ihossu u jgergru ghal missierhom li mhux prezenti f'hajjithom u l-kbar isemmu l-fatt li peress li huhom iz-zghir ghandu *Down syndrome,* ghandu bzonn aktar imhabba izda l-intimat missierhom xorta wahda ma jaghmel xejn biex ikun aktar prezenti f'hajjithom. Ix-xhud Martina Grech[11] ukoll tikkonferma kemm ir-relazzjoni ta' bejn l-ulied u l-intimat missierhom m'hijiex wahda desiderata, tant li tghid li meta jkun hemm kuntatt telefoniku, l-intimat dejjem jishaq li m'ghandux flus, u gieli, jaghtihom xi €10. L-istess xhud tikkonferma wkoll li l-intimat ma jghaddix flus lir-rikorrenti u li din tal-ahhar ma tistax tahdem, anke minhabba d-disabilita' tal-minuri z-zghir.

L-introjtu tar-rikorrenti jirrizulta mid-dokumenti kollha li jesebixxi Raymond Desira bhala r-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Wiehed minn dawn id-dokumenti juri li fil-fatt l-istess rikorrenti tinghata ghajnuna specjali ghad-disabilita' tal-minuri Nigel. L-istess xhud jipprezenta wkoll dokumenti li permezz taghhom juri li l-intimat mhux f'posizzjoni li jirregistra minhabba kondizzjoni medika li ghandu u dan il-fatt gie accettat mill-bord li ghandu d-diskrezzjoni dwar jekk jigix accettat ic-certifikat mediku prezentat ghall-finijiet ta' registrar jew le. Jesebixxi wkoll dokumenti li juri l-beneficcji socjali li huwa jircievi. In subizzjoni, l-intimat jiddikjara li jircievi l-ammont ta' €240 kull erba' gimghat[12] li minnhom irid ihallas il-kera u jircievi l-ammont ta' €288 kull tlett xhur bhala children's allowance ta' zewgt ulied li ghandu ma' terzi. L-intimat jikkonferma wkoll li ma jahdimx u li ilu ma jahdem ghal snin twal pero' jghid li kien jinghata xi ammonti zghar meta kien joqghod fil-bar.

Il-Prokuratur Legali Quintin Tanti in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority[13], jikkonferma li l-intimat sar *substitute* fil-bar 'Don Vino' gewwa l-Hamrun b'effett mill-

[10] Ara a fol 42 tal-process
[11] Ara x-xhieda taghha esebita a fol 48 tal-process
[12] Ara x-xhieda tal-intimat a fol 203 tal-process
[13] Ara x-xhieda tieghu esebita a fol 132 tal-process

20 ta' Marzu 2009[14] u li kien *substitute* mid-19 ta' Settembru 2008 sal-11 ta' Dicembru 2009 fl- 'Espadon Restaurant' gewwa Tarxien[15].

Il-qorti taghmel referenza ghax-xiehda tal-intimat in subizzjoni fejn jiddikjara li huwa lest li jhallas manteniment ghal uliedu fiz-zwieg u cioe' X, N u Nigel.

Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqghet fuq ir-rikorrenti b'dan li l-intimat ilu ma jhallas manteniment ghal uliedu ghal zmien twil. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[16]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[17]fejn saret referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-

[14] Ara d-dokument esebit a fol 143 tal-process
[15] Ara d-dokument esebit a fol 144 tal-process
[16] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[17] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20.

Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-intimat m'ghandux impjieg u dwar dan hemm prova dokumentarja kif spjegat aktar 'il fuq, pero' dan ma jfissirx li legalment l-intimat jista' jahrab mir-responsabbilitajiet tieghu versu wliedu li fil-frattemp iridu jghixu u jkomplu b'hajjithom.

F'dan l-istadju  il-qorti tirrileva li n-norma ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta' madwar €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tenut kont tal-fatt li l-intimat

ma jahdimx u li r-rikorrenti ma tahdimx principalment minhabba l-fatt li l-izghar fost ulied il-partijiet ghandu *down syndrome* u ghalhekk ghandu bzonn attenzjoni kontinwa (apparti visti ghand it-tobba u *physiotherapists* fost ohrajn), il-qorti thoss li l-manteniment li ghandu jigi mhallas mill-intimat versu l-minuri Nigel ghandu jkun dak ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollu tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir maggorenni jkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Rigward l-ulied l-ohra u cioe' X u N, l-qorti tirrileva li dawn huma maggorenni izda f'kaz li xi wiehed jew wahda minnhom ikunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time* allura l-intimat missierhom ikun obbligat li jhallas is-somma ta' €150 fix-xahar ghal kull wild sakemm l-istess wild jieqaf jistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq l-eta' massima ta' 23 sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

Dwar il-kwistjoni ta' arretrati ta' manteniment hekk kif mitluba mir-rikorrenti, jigi rilevat li fil-mori tal-kawza ma giet stabbilita ebda data preciza ta' meta l-intimat waqaf milli jmantni lil uliedu. Ir-rikorrenti tikkontendi li ilu ma jhallas manteniment minn mindu telaq mid-dar gia matrimonjali, filwaqt li l-intimat jghid li mhux l-ewwel darba li ta xi flus lill-uliedu stess. Jibqa' l-fatt li l-qorti ma tistax tistabbilixxi data ta' meta tali manteniment beda ma jithallasx. In vista ta' dan u in vista tal-fatt li r-rikorrenti, qatt ma intavolat rikors sabiex *pendente lite* jigi likwidat manteniment ghall-ulied, l-istess qorti ma tarax kif ghandha tilqa' t-talba relatata mal-arretrati ta' manteniment.

Dwar il-kwistjoni ta' access, il-qorti tirrileva li tnejn mill-ulied huma maggorenni u ghalhekk ghandhom ikunu huma stess li jiddeciedu jekk iridux li jaraw lil missierhom jew le. Ghal dak li jirrigwarda l-minuri Nigel, l-qorti tirrileva li m'ghandha ebda hjiel dwar ix-xewqat tal-istess minuri

(anke tenut kont tad-disabilita' tieghu) u ghalhekk, prezentement m'hijiex f'posizzjoni li tiddeciedi jekk access favur il-missier ikunx ta' gid jew le ghall-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li l-intimat mhux prezenti fil-hajja tal-istess minuri b'mod konsistenti. Ghal dan il-ghan, il-qorti thoss li fl-ewwel lok ghandha titqabbad *social worker* sabiex tirrelata dwar il-possibilita' ta' access u x'effett jista' jkollu dan fuq il-minuri u f'kaz li tasal ghall-konkluzjoni li jkun fl-ahjar interessi tal-minuri li tali access jibda jigi ezercitat, allura l-intimat ghandu jkollu access ta' darba fil-gimgha, b'dan li tali access ghandu jizdied skond ir-rakkomandazzjonijiet tas-*social worker* stess fir-rapport li hija ghandha thejji.

Dwar it-talba relatata mar-residenza esklussiva fid-dar gia matrimonjali, l-qorti taghmel referenza ghar-risposta guramentata intavolata mill-intimat fejn jiddikjara li huwa ivvaka mill-istess dar u sahansitra jikkonsidra tali talba bhala superfluwa u konsegwentement, l-qorti ma tara ebda raguni valida sabiex tichad din it-talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba hekk kif dedotta;
2. Tilqa' t-tieni talba b'dan li qieghda tigi appuntata Therese Micallef bhala *social worker* fil-kaz odjern sabiex tirrelata dwar il-possibilita' ta' access favur l-intimat ghall-minuri Nigel u x'effett jista' jkollu dan fuq il-minuri u f'kaz li tasal ghall-konkluzjoni li jkun fl-ahjar interessi tal-minuri li tali access jibda jigi ezercitat, allura l-intimat ghandu jkollu access ta' darba fil-gimgha (li ghandu jigi ffissat mill-istess *social worker* skond il-bzonnijiet u n-necessitajiet tal-istess minuri) b'dan li tali access ghandu jizdied skond ir-rakkomandazzjonijiet tas-*social worker* stess fir-rapport li hija ghandha thejji. L-ispejjez relatati mal-istess *social worker* ghandhom jigu mhallsa provizorjament mir-rikorrenti b'dan li wara li l-inkarigu taghha jkun kompletat, l-intimat ikun obbligat li jhallas nofs tali spejjez.

3. Tichad it-tielet talba rigward il-manteniment ghar-rikorrenti u tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-

manteniment ghall-ulied b'dan li l-intimat ghandu jhallas manteniment ghall-minuri Nigel fl-ammont ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollu tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li ssir maggorenni jkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Rigward l-ulied l-ohra u cioe' X u N li huma maggorenni, l-intimat huwa ordnat li jhallas is-somma ta' €150 fix-xahar f'kaz li xi wiehed jew wahda minnhom ikunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time* sakemm wiehed jew wahda jew iz-zewgt ulied jieqfu jistudjaw fuq bazi *full-time* jew jilhqu l-eta' massima ta' 23 sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------